ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 87

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

1 ta' April 2010

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2010/C 87/01 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Marzu 2010 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 1998/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq (CON/2010/23) ..... 1

II *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni Ewropea**

2010/C 87/02 Applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) (Klassifikazzjoni tal-prodotti) ..... 9

2010/C 87/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5761 – E.ON/MASDAR/JV) [1] ..... 10

MT

Prezz: 3 EUR

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

IV *Avviżi*

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2010/C 87/04 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2010 li taħtar il-membri Pollakki u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ..... 11

**Kummissjoni Ewropea**

2010/C 87/05 Rata tal-kambju tal-euro ..... 12

AVVIŻI MILL-ISTATI MEMBRI

2010/C 87/06 Deċiżjoni dwar miżura ta' riorganizzazzjoni fir-rigward tal-Commercial Value Insurance A.A.E. *(Pubblikazzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' impriżi tal-assigurazzjoni)* ..... 13

2010/C 87/07 Deċiżjoni dwar id-dispożizzjoni ta' riorganizzazzjoni fir-rigward ta' Progress Assicurazioni S.p.A. *(Avviż ippubblikat skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' impriżi tal-assigurazzjoni)* ..... 14

2010/C 87/08 Aġġornament tal-lista tas-servizzi nazzjonali responsabbli għal kontrolli fuq il-fruntiera għall-finijiet tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 17; ĠU C 77, 5.4.2007, p. 11; ĠU C 153, 6.7.2007, p. 21; ĠU C 331, 31.12.2008, p. 15) ..... 15

MT

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-18 ta' Marzu 2010**

**dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 1998/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq**

**(CON/2010/23)**

(2010/C 87/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fil-25 ta' Novembru 2009 l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 1998/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq [1] (minn hawn 'il quddiem id-"direttiva proposta").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi d-direttiva proposta fiha disposizzjonijiet li jaffettwaw il-kontribuzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija bla xkiel tal-politika dwar is-sorveljanza prudenti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat.

L-osservazzjonijiet f'din l-opinjoni għandhom jinqraw flimkien mal-Opinjonijiet tal-BĊE CON/2009/88 [2] u CON/2010/5 [3], li ġew adottati fil-kuntest tar-riforma li hemm għaddejja fis-sorveljanza finanzjarja Ewropea [4].

Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Procedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### 1. Osservazzjonijiet ġenerali

1.1. Il-BĊE jappoġġja l-għan tad-direttiva proposta, li tintroduċi fi 11-il direttiva tas-settur finanzjarju emendi li huma meħtieġa sabiex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza (AES) u tal-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku (BERS).

1.2. L-osservazzjonijiet li jinsabu f'din l-opinjoni u l-proposti għall-abbozzar jiffokaw prinċipalment fuq kwistjonijiet li huma ta' rilevanza diretta għall-BĊE/SEBĊ u għall-BERS u għall-kooperazzjoni tagħhom mal-AES u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. F'dan ir-rigward, huwa ta' importanza partikolari għat-twettiq tad-dmirijiet rispettivi tagħhom li jitneħħa kull xkiel legali għall-qsim tal-informazzjoni li jista' jeżisti bejn il-BĊE/is-SEBĊ, il-BERS, it-tliet AES u l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali.

1.3. *Adozzjoni ta' standards tekniċi*

1.3.1. Ir-regolamenti proposti li jistabbilixxu l-AES (minn hawn 'il quddiem ir-"regolamenti proposti dwar l-AES") jistabbilixxu proċedura uniformi għall-adozzjoni ta' standards tekniċi ([5]). L-abbozzi tal-istandards tekniċi ser jiġu żviluppati minn kull waħda mill-AES bħala regolamenti jew deċiżjonijiet ([6]), u jiġu approvati mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, id-direttiva proposta tipprovdi għal bosta emendi lil-leġislazzjoni settorjali, u tidentifika l-oqsma li fihom għandhom jiġu żviluppati standards tekniċi ([7]). Kif emfasizzat fl-Opinjoni tal-BĊE CON/2010/5, il-BĊE jappoġġja bis-sħiħ it-twaqqif ta' ktieb wieħed għar-regoli Ewropej applikabbli lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha fis-suq waħdieni u għalhekk il-ħtieġa għal strument effettiv biex jistabbilixxi standards tekniċi li jorbtu fis-servizzi finanzjarji ([8]).

1.3.2. F'dak li jirrigwarda s-setgħat tal-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, it-Trattat jistabbilixxi distinzjoni bejn l-atti delegati (Artikolu 290 tat-Trattat) u atti ta' implimentazzjoni (Artikolu 291 tat-Trattat). Bħala riżultat, ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet adottati mil-Kummissjoni sabiex tapprova abbozzi ta' standards tekniċi ser jaqgħu taħt waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji. Fil-kuntest ta' leġislazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, għandha tintlaħaq fehma komuni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni involuti fil-proċess leġislattiv dwar metodoloġija adatta li għandha tiġi adottata sabiex tinkorpora l-atti legali tal-Komunità li japprovaw dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi fi ħdan il-qafas aktar ġenerali li fih joperaw is-setgħat delegati u ta' implimentazzjoni taħt it-Trattat.

1.3.3. Sakemm l-abbozzi ta' standards tekniċi jikkwalifikaw bħala "proposti ta' atti tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(4) u l-Artikolu 282(5) tat-Trattat u jaqgħu fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, il-BĊE għandu jiġi kkonsultat dwar l-atti proposti delegati jew ta' implimentazzjoni li japprovaw l-abbozzi ta' standards tekniċi. Fis-sentenza OLAF ([9]), il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat illi l-obbligu li jiġi kkonsultat il-BĊE dwar proposti ta' atti tal-Unjoni huwa intiż "essenzjalment sabiex jiġi żgurat illi l-leġislatura tadotta l-att biss meta tkun instemgħet l-istituzzjoni, li, permezz tal-funzjonijiet speċifiċi li teżerċita fil-qafas Komunitarju tal-qasam konċernat u permezz tal-livell għoli ta' esperjenza li tgawdi, hija f'pożizzjoni partikolarment tajba sabiex ikollha rwol utli fil-proċess leġislattiv li hemm maħsub". Wara li jikkunsidra l-importanza tal-funzjoni li għandhom ikollhom l-istandards tekniċi bħala komponent importanti tal-leġislazzjoni tas-servizzi finanzjari tal-Unjoni fil-futur, il-BĊE ser jeżerċita ir-rwol konsultattiv tiegħu skont il-prinċipji fuq imsemmija.

2. **Osservazzjonijiet speċifiċi**

2.1. *Direttiva 2003/71/KE* ([10])

Il-pubblikazzjoni tal-prospetti kollha f'forma elettronika u d-disponibbiltà tagħhom jew direttament fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq (AETS) jew permezz ta' *hyperlink* għas-siti elettroniċi rilevanti għandha żżid it-trasparenza ([11]). F'dan ir-rigward, il-BĊE jappoġġja bis-sħiħ l-idea li jittejbu d-disponibbiltà u l-paragunabbiltà ta' certu informazzjoni importanti fil-prospetti, billi jinħoloq standard għal dejta ta' referenza dwar it-titoli u min joħroġhom, bil-għan illi din id-dejta tkun disponsibbli għal min jifformula l-politika, għar-regolaturi u għas-swieq finanzjarji permezz ta' infrastruttura pubblika internazzjonali ([12]). Il-prospetti jkun fihom informazzjoni importanti li tista' tkun ta' rilevanza għall-finijiet ta' analiżi ta' riskju sistemiku, il-ġestjoni tar-riskju tal-kumpaniji u l-kumpilazzjoni ta' statistika dwar it-titoli; għalhekk għandu jkun żgurat illi informazzjoni bħal din tkun faċilment disponibbli. F'dan il-kuntest, il-BĊE huwa lest li jikkoopera mal-AETS fil-kontribuzzjoni għad-disinn u t-twaqqif ta' arkivju elettroniku u proċessi relatati.

2.2. *Direttiva 2006/48/KE* ([13])

2.2.1. Numru ta' emendi għal direttivi settorjali taħt id-direttiva proposta għandhom l-għan li jkomplu jtejbu l-mezzi ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti fil-livell ta' Unjoni u dak nazzjonali ([14]). Il-BĊE jilqa' dawn l-emendi proposti u partikolarment dawk li ġew introdotti sabiex jittieħed in konsiderazzjoni t-twaqqif tal-BERS ([15]). Barra minn dan, il-BĊE jissuġġerixxi ż-żewġ emendi li ġejjin.

2.2.2. L-ewwel, id-direttiva proposta tiċċara illi l-awtoritajiet kompetenti huma intitolati li jaqsmu l-informazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE). Il-BĊE jirrikkmanda li tiddaħħal emenda għal disposizzjoni waħda tad-Direttiva 2006/48/KE bil-għan li jitneħħa kull xkiel legali possibbli għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-ABE u l-BERS. L-introduzzjoni ta' emenda bħal din għandha tiċċara illi l-ABE, bi qbil mad-Direttiva 2006/48/KE u d-disposizzjonijiet relevanti tar-regolament propost dwar l-ABE, hija intitolata illi tgħaddi lill-BERS l-informazzjoni kollha li tkun irċevit mingħand l-awtoritajiet nazzjonali u li hija meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tal-BERS mingħajr preġudizzju għar-regoli Ewropej l-oħra li huma applikabbli, speċjalment l-Artikolu 15(4) tar-regolament propost dwar il-BERS.

2.2.3. It-tieni, id-Direttiva 2006/48/KE tafda lill-kulleġġi tas-sorveljanti bil-qadi ta' certi dmirijiet ([16]) (inkluż fis-sens tal-iskambju tal-informazzjoni ([17]) u, f'dan il-kuntest, ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli ([18]) m'għandhomx iżommu lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw informazzjoni kunfidenzjali fi ħdan ill-kulleġġi tas-sorveljanti ([19]). In vista tal-importanza potenzjali tal-informazzjoni aċċessibbli fi ħdan il-kulleġġi ta' sorveljanza, il-BĊE jirrikkmanda li jiġi speċifikat espliċitament illi l-AES jistgħu jaqsmu l-informazzjoni kunfidenzjali marbuta mal-attivitajiet tal-kulleġġi ta' sorveljanti mal-BERS ([20]), meta din l-informazzjoni tkun rilevanti għat-twettiq ta' dmirijietu ([21]) u bbażata fuq talbiet raġunati mingħand il-BERS. Din il-kjarifika tista' tiddaħħal jew fl-Artikolu 12 tar-regolamenti proposti dwar l-AESi dwar il-kulleġġi tas-sorveljanti jew fil-kuntest tad-disposizzjonijiet relevanti dwar l-iskambju tal-informazzjoni fid-direttivi settorjali li jittrattaw il-kulleġġi tas-sorveljanti.

3. **Proposti għall-abbozzar**

Fejn il-BĊE jirrikkmanda emendi għad-direttiva proposta, għal dan il-għan fl-Anness qed jiġu elenkati proposti għall-abbozzar speċifiċi flimkien ma' test ta' spjega.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Marzu 2010.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

(1) COM(2009) 576 finali.

(2) Opinjoni tal-BĊE CON/2009/88 tas-26 ta' Ottubru 2009 dwar proposta għal regolament tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sorveljanza makro-prudenti Komunitajra tas-sistema finanzjarja u li tistabbilixxi Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku u proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Bank Ċentrali Ewropew bi dmirijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-funzjonament tal-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku (ĠU C 270, 11.11.2009, p. 1). L-opinjonijiet kollha tal-BĊE jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku tal-BĊE http://www.ecb.europa.eu

(3) Opinjoni tal-BĊE CON/2010/5 tat-8 ta' Jannar 2010 dwar tliet proposti għal regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxu Awtorità Bankarja Ewropea, Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq (ĠU C 13, 20.1.2010, p. 1).

(4) Fit-23 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni Ewropea adottat pakkett ta' proposti leġislattivi li jikkonsistu minn (1) proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sorveljanza makro-prudenti Komunitajra tas-sistema finanzjarja u li tistabbilixxi Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku (COM(2009) 499 finali) (minn hawn 'il quddiem ir-"regolament propost dwar il-BERS"); (2) proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Bank Ċentrali Ewropew bi dmirijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-funzjonament tal-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku (COM(2009) 500 finali); (3) proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxu Awtorità Bankarja Ewropea (COM(2009) 501 finali) (minn hawn 'il quddiem ir-"regolament proposta dwar l-ABE"); (4) proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (COM(2009) 502 finali); u (5) proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq (COM(2009) 503 finali). Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-1 ta' Diċembru 2009, il-bażi legali l-ġdida għad-deċiżjoni proposta dwar il-BERS hija l-Artikolu 127(6) tat-Trattat (ex Artikolu 105(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea), li twassal sabiex id-deċiżjoni proposta dwar il-BERS issa tinbidel fi proposta għal regolament.

(5) Ara l-Artikolu 7 tar-regolamenti proposti dwar l-ASE.

(6) Artikolu 7(2) tar-regolamenti proposti dwar l-ASE.

(7) Premessa 9 tad-direttiva proposta.

(8) Ara, per eżempju, premessa 14 tar-regolament propost dwar l-ABE.

(9) Każ Ċ-11/00 Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew v Il-Bank Ċentrali Ewropew, [2003] ECR I-7147, partikolarment il-paragrafi 110 u 111.

(10) Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).

(11) Taħt id-direttiva proposta, l-AETS għandha tippubblika l-lista ta' prospetti approvati fis-sit elettroniku tagħha, inkluż, jekk applikabbli, *hyperlink* għall-prospetti ppubblikati fis-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini, ta' min joħroġhom jew tas-suq regolat (Artikolu 5(3) tad-direttiva proposta li jdaħħal Artikolu 14(4a) ġdid fid-Direttiva 2003/71/KE). L-approċċ ġenerali maqbul fil-Kunsill dwar emendi oħra lid-Direttiva 2003/71/KE jesiġi l-pubblikazzjoni ta' prospetti f'forma elettronika (ara l-Artikolu 1(13)(b) tal-approċċ ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/71/KE u d-Direttiva 2004/109/KE (2009/0132 (COD), 17451/09)). It-tieni sotto-paragrafu tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2003/71/KE preżentement tħalli d-deċiżjoni sabiex min joħroġ il-prospetti jippubblikahom b'mod elettroniku f'idejn l-Istati Membri.

(12) Opinjoni tal-BĊE CON/2010/6 tal-11 ta' Jannar 2010 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewroepw u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2003/71/KE u 2004/109/KE, paragrafu 1.2.

(13) Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u t-tkomplija tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (imfassla mill-ġdid) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).

(14) Ara, fir-rigward tad-Direttiva 2006/48/KE, l-Artikoli 9(10), 9(11), 9(25) u 9(27) tad-direttiva proposta.

(15) Ara, per eżempju, l-Artikolu 9(12) tad-direttiva proposta li temenda l-Atrikolu 49 ta' Direttiva 2006/48/KE.

(16) Imsemmijin fl-Artikolu 129, l-Artikolu 130(1) u l-Artikolu 131a tad-Direttiva 2006/48/KE.

(17) L-Artikolu 131a(1)(a) tad-Direttiva 2006/48/KE.

(18) Taħt Kapitolu 1, Taqsima 2 tad-Direttiva 2006/48/KE.

(19) It-tielet sotto-paragrafu tal-Artikolu 131a(1) tad-Direttiva 2006/48/KE.

(20) Inklużi l-kulleġġi mwaqqfin taħt l-Artikolu 42a(3) tad-Direttiva 2006/48/KE.

(21) L-aċċess tal-BERS għall-informazzjoni li tinqasam fi ħdan il-kulleġġi tas-sorveljanti ikun skont l-opinjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sorveljanza Finanzjarja fl-Unjoni ppresedut minn Jacques de Larosière fir-rapport tiegħu tal-25 ta' Frar 2009, paragrafi 180 u 186, paġni 45 u 47, il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Mejju 2009 dwar is-sorveljanza finanzjarja Ewropea (COM(2009) 252 finali, p. 15) u l-Kunsill ECOFIN fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2009, p. 13 li jappoġġjaw l-aċċess tal-BERS għal din l-informazzjoni.

*ANNESS*

**Proposti għall-abbozzar** [1]

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| ***Emenda 1*** | |
| Premessa 15 tad-direttiva proposta | |
| "(15) L-arkitettura l-ġdida għas-sorveljanza stabbilita mis-SESF ser titlob illi l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza jikkooperaw fil-qrib mal-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza. L-emendi għal-leġiżlazzjoni relevanti għandhom jiżguraw illi ma hemm ebda xkiel legali għall-obbligi tal-qsim tal-informazzjoni inklużi fir-Regolamenti proposti mill-Kummissjoni u li jistabbilixxu l-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza." | "(15) L-arkitettura l-ġdida għas-sorveljanza **stabbilita bit-twaqqif ~~mit~~a**s-SESF **u tal-BERS** ser titlob illi l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza **u l-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza** jikkooperaw fil-qrib **ma' xulxin u mal-BERS**~~mal Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza~~. Emendi għal-leġiżlazzjoni relevanti għandhom jiżguraw illi ma hemm ebda xkiel legali għall-obbligi tal-qsim tal-informazzjoni inklużi fir-Regolamenti proposti mill-Kummissjoni u li jistabbilixxu l-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza **u l-BERS**." |
| *Spjegazzjoni:* | |
| *Il-leġiżlazzjoni settorjali tinħtieġ li tiġi emendata sabiex tirrifletti it-twaqqif tal-AES u tal-BERS. Fil-premessa 5 tad-direttiva proposta tista' ukoll issir referenza għaż-żewġ proposti adottati mill-Kummissjoni dwar il-BERS bħala parti mill-pakkett leġiżlattiv dwar is-sorveljanza finanzjarja Ewropea.* | |
| ***Emenda 2*** | |
| Artikolu 1(1) tad-direttiva proposta<br>(Emenda għad-Direttiva 98/26/KE [2] – Artikolu 6(3)) | |
| "3. L-Istat Membru msemmi f'paragrafu 2 għandu jinnotifika immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq stabbilita minn Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għandu jikkomunika lil dan tal-aħħar l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijietu." | "3. L-Istat Membru msemmi f'paragrafu 2 għandu jinnotifika immedjatament **bid-deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafu 1** lill-Istati Membri l-oħra, **il-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-banek ċentrali tal-Istati Membri** u ~~lil~~l-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq stabbilita minn Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~u għandu jikkomunika lil dan tal-aħħar l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijietu~~. **Il-Kummissjoni għandha, malli tiċċievi din l-informazzjoni, tinnotifika immedjatament lis-sistemi u lill-operaturi tas-sistema indikati bid-deċiżjonijiet meħudin skont il-paragrafu 1.**" |
| *Spjegazzjoni:* | |
| *L-emenda proposta għall-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 98/26/KE hija titjib sinifikanti ħafna fis-sens tal-konsegwenzi li jirriżultaw mit-tnedija ta' proċeduri għall-falliment fir-rigward tal-irrevokabbiltà u l-finalità tal-eżekuzzjoni għall-ordnijiet għat-trasferiment. Madanakollu, dawn il-konsegwenzi huma importanti għas-sorveljanti ta' sistemi ta' pagament, ikklerjar u saldu u infrastruttura kruċjali oħra. Għalhekk, il-lista tad-distribuzzjoni għan-notifiki ta' proċeduri bħal dawn għandha titkabbar sabiex tkun tinkludi mhux biss lill-Kummissjoni u lill-AETS iżda wkoll lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) u lill-BĊE, flimkien mas-SEBĊ, peress illi għandhom dmirijiet statutorji esklussivi fil-qasam tas-sorveljanza ta' sistemi ta' pagament, ikklerjar u saldu.*<br><br>*Barra minn hekk, huwa importanti illi l-Kummissjoni, b'effett immedjat, tgħaddi n-notifiki dwar it-tnedija ta' proċeduri għall-falliment lill-entitajiet relevanti koperti mill-iskop tad-Direttiva 98/26/KE, u b'hekk tiżgura illi l-ebda ordni għat-trasferiment ma jiġi eżegwit minn entitajiet bħal dawn fejn ikunu jew misshom ikunu jafu dwar it-tnedija ta' proċeduri għall-falliment.*<br><br>*Finalment, ir-referenza fid-direttiva proposta għall-obbligu tal-Istat Membru li jipprovdi kull informazzjoni neċessarja lill-AETS għandha titħassar peress illi qed jiġi suġġerit illi l-Kummissjoni għandha tkun ġdata bid-dmirijiet tan-notifika. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu biss informazzjoni marbuta mad-deċiżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/26/KE u mhux l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-dmirijiet tal-AETS. Hemm ukoll emenda editorjali minuri għall-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) li tiċċara l-iskop eżatt tal-obbligu tan-notifika.* | |

[1] Id-direttiva proposta ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat. Ċitazzjonijiet tat-Trattat fit-testi proposti mill-Kummissjoni jridu jiġu adattati.

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 3***

Artikolu 1(2) tad-direttiva proposta
(Emenda għad-Direttiva 98/26/KE – l-ewwel sotto-paragrafu tal-Artikolu 10(1))

| | |
|---|---|
| "L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sistemi, u l-operaturi tas-sistemi rispettivi, li għandhom ikunu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva u għandhom jinnotifikaw bihom lill-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq u jinfurmawha dwar l-awtoritajiet magħżulin skont l-Artikolu 6(2). L-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq għandha tippubblika dik l-informazzjoni fis-sit elettroniku tagħha." | "L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sistemi, u l-operaturi tas-sistemi rispettivi, li għandhom ikunu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva u għandhom jinnotifikaw bihom lill-~~Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq~~ **Kummissjoni** u jinfurmawha dwar l-awtoritajiet magħżulin skont l-Artikolu 6(2). ~~L-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq~~ **Il-Kummissjoni** għandha tippubblika dik l-informazzjoni fis-sit elettroniku tagħha." |

*Spjegazzjoni:*

*Il-Kummissjoni stabbiliet il-lista tas-sistemi notifikati wara l-adozzjoni tad-Direttiva 98/26/KE u din il-prattika hija stabbilita tajjeb. Għalhekk, jekk jittieħed kont tad-dmir bażiku tal-BĊE li jippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' pagament u l-funzjonijiet ta' sorveljanza tal-BĊE/BĊNi li jikkonċernaw is-sistemi ta' pagament, ikklerjar u saldu, il-BĊE jikkunsidra illi l-Kummissjoni għandha tkompli taqdi din il-funzjoni.*

***Emenda 4***

(Emenda għad-Direttiva 2002/87/KE [3] – l-ewwel sotto-paragrafu tal-Artikolu 12(1) (ġdid))

| | |
|---|---|
| "L-awtoritajiet kompetenti jistgħu ukoll jiskambjaw mal-awtoritajiet segwenti informazzjoni bħal din li tista' tkun meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet rispettivi tagħhom, fir-rigward ta' entitajiet regolati f'konglomerat finanzjarju, skont id-disposizzjonijiet stabbiliti fir-regoli settorjali: il-bank ċentrali, is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew."<br><br>*(L-ebda emenda fid-direttiva proposta)* | "L-awtoritajiet kompetenti jistgħu ukoll jiskambjaw **ma' banek ċentrali (inkluż il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali), l-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza u l-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku** ~~mal-awtoritajiet segwenti~~ informazzjoni bħal din li tista' tkun meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet rispettivi tagħhom, fir-rigward ta' entitajiet regolati f'konglomerat finanzjarju, skont id-disposizzjonijiet stabbiliti fir-regoli settorjali~~: il-bank ċentrali, is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew~~." |

*Spjegazzjoni:*

*Xkiel għall-qsim tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-banek ċentrali, l-AES u l-BERS fil-kuntest tad-Direttiva 2002/87/KE għandu jitneħħa.*

***Emenda 5***

(Emenda għad-Direttiva 2003/41/KE [4] – Artikolu 20a (ġdid))

| | |
|---|---|
| L-ebda test | **"Artiklu 20a**<br>**Segretezza professjonali u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet**<br>**1. L-obbligu tas-segretezza professjonali għandu japplika għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għal awtorità kompetenti. L-informazzjoni koperta mis-segretezza professjonali ma tistax tinkixef lil xi persuna jew awtorità oħra ħlief skont id-disposizzjonijiet stabbiliti mil-liġi.**<br>**2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin kull meta meħtieġ biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom u jużaw is-setgħat tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-assistenza lil awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra.**<br>**3. Paragrafu 1 m'għandux iżomm lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw informazzjoni kunfidenzjali jew milli jittrasmettu informazzjoni kunfidenzjali lill-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX) jew lill-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku (BERS). Informazzjoni li tiġi** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| | **skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-AEAPX jew il-BERS għandha tkun koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali."** |

*Spjegazzjoni:*

*Id-dispożizzjoni dwar is-segretezza professjonali u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti normalment tinsab fid-direttivi dwar is-settur finanzjarju u għandha ukoll tiġi inkluża fid-Direttiva 2003/41/KE. Il-qsim ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-awtoritajiet kompetenti mal-EAPX u l-BERS tista' tkun meħtieġa għall-qadi tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom u kull xkiel legali għat-trażmissjoni ta' informazzjoni bħal din għandu jitneħħa.*

***Emenda 6***

Artikolu 6(11)(b) tad-direttiva proposta
(Emenda għad-Direttiva 2004/39/KE [5] – Artikolu 58(5))

| | |
|---|---|
| "5. L-Artikoli 54, 58 u 63 m'għandhomx iżommu lil awtorità kompetenti milli titrasmetti lill-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq, lill-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku imwaqqaf minn Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lill-banek ċentrali, lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u lill-Bank Ċentrali Ewropew, fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji, u, fejn xieraq, lil awtoritajiet pubbliċi oħra responsabbli għas-sorveljanza ta' sistemi ta' pagament u saldu, informazzjoni kunfidenzjali intiża għall-qadi ta' dmirijiethom; bl-istess mod dawn l-awtoritajiet jew korpi m'għandhomx jinżammu milli jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni bħal din li jistgħu jkollhom bżonnha biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom li huma msemmijin f'din id-Direttiva." | "5. L-Artikoli 54, 58 u 63 m'għandhomx iżommu lil awtorità kompetenti milli titrażmetti lill-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq, lill-Bord Ewropew għar-Riskju Sistemiku imwaqqaf minn Regolament …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, **u** lill-banek ċentrali, **inklużi l-banek ċentrali nazzjonali ta**s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u lill-Bank Ċentrali Ewropew, fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji, ~~u, fejn xieraq, lil awtoritajiet pubbliċi oħra responsabbli għas-sorveljanza ta' sistemi ta' pagament u saldu~~, informazzjoni kunfidenzjali **fejn din l-informazzjoni hija** ntiża għall-qadi ta' dmirijiethom, **inklużi l-ġestjoni tal-politika monetarja u l-forniment tal-likwidità relatata, is-sorveljanza ta' sistemi ta' pagament, ikklerjar u saldu, u l-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja**; bl-istess mod dawn l-awtoritajiet jew korpi m'għandhomx jinżammu milli jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni bħal din li jistgħu jkollhom bżonnha biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom li huma msemmijin f'din id-Direttiva." |

*Spjegazzjoni:*

*L-emenda proposta għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza mad-dispożizzjonijiet korrispondenti li huma diġa preżenti fid-direttivi settorjali l-oħra u, partikolarment, fid-Direttiva 2006/48/KE.*

***Emenda 7***

Artikolu 9(10) tad-direttiva proposta
Emenda għad-Direttiva 2006/48/KE – Artikolu 44(2)

| | |
|---|---|
| "2. Il-Paragrafu 1 m'għandux iżomm lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri varji milli jiskambjaw informazzjoni jew jittrasmettu informazzjoni lill-Awtorità Bankarja Ewropea skont din id-Direttiva u Direttivi oħrajn li japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet tas-segretezza professjonali elenkati fil-paragrafu 1." | "2. Il-Paragrafu 1 m'għandux iżomm lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri varji milli jiskambjaw informazzjoni jew jitrażmettu informazzjoni lill-Awtorità Bankarja Ewropea skont din id-Direttiva, ~~u~~ Direttivi oħrajn li japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu **u l-Artikoli [12], 20 u 21 tar-Regolament …/… [ABE]**. Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet tas-segretezza professjonali elenkati fil-paragrafu 1." |

*Spjegazzjoni:*

*L-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/48/KE kif emendata mid-direttiva proposta diġa tiċċara illi l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaqsmu l-informazzjoni mal-ABE. Din il-kjarifika tikkorrelata mal-emenda proposta tal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2006/48/KE li tawtorizza lil awtoritajiet kompetenti biex jitrażmettu informazzjoni lill-BERS, partikolarment f'każijiet imsemmijin fl-Artikolu 130(1) tad-Direttiva 2006/48/KE.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| *L-emenda proposta tintroduċi fl-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/48/KE referenza espressa għall-Artikoli 20 u 21 tar-regolament propost dwar l-ABE. L-Artikolu 20 tar-Regolament …/… [EBA] jittratta l-ġbir ta' informazzjoni mill-ABE mingħand awtoritajiet kompetenti. Taħt l-Artikolu 21 tal-istess regolament, l-ABE għandha tikkoopera mal-BERS u tipprovdi lill-BERS b'informazzjoni regolari u aġġornata għall-qadi ta' dmirijietha, kif speċifikat fl-Artikolu 15 ta' Regolament …/… [BERS].* | |
| *Meta jinqraw flimkien l-Artikolu 44(2) emendat tad-Direttiva 2006/48/KE, dawn iż-żewġ artikoli tar-regolament propost dwar l-ABE u r-regolament propost dwar il-BERS, huwa ċċarat illi l-ABE hija intitolata li tkompli tgħaddi lill-BERS l-informazzjoni kollha li tkun irċeviet mingħand l-awtoritajiet kompetenti u li hija meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-BERS.* | |
| *Kieku l-Artikolu 12 tar-Regolament …/… [ABE] dwar il-kulleġġ tas-sorveljanti jiġi emendat kif propost f'paragrafu 2.2.3 ta' din l-opinjoni, dan l-artikolu għandu jiġi ukoll imsemmi espliċitament fl-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/48/KE sabiex jiġi ċċarat illi l-ABE tista' taqsam l-informazzjoni li tkun irċeviet mingħand il-kulleġġi tas-sorveljanti mal-BERS.* | |

[1] Il-grassett fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi it-tħassir ta' test.

[2] Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità tal-ħlas f'sistemi ta' saldu ta' pagamenti u s-sistemi ta' ħlas ta' titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, pġ. 45).

[3] Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

[4] Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-sorveljanza tal-istituzzjonijiet li jipprovdu għall-irtirar mix-xogħol (ĠU L 235, 23.9.2003, pġ. 10).

[5] Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, pġ. 1).

II

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI EWROPEA

## APPLIKAZZJONI UNIFORMI TAN-NOMENKLATURA MAGĦQUDA (NM)

## (Klassifikazzjoni tal-prodotti)

(2010/C 87/02)

Pubblikazzjoni ta' Noti ta' Spjegazzjoni adottati skont L-Artikolu 9(1) a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, ([1])

In-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) għandhom jiġu emendati kif ġej:

*Paġni 256-258*

**Kapitolu 64 Ġenerali**

*It-tieni paragrafu ta' Ġenerali, punt 1(c), huwa sostitwit bit-test li ġej:*

"L-aċċessorji ġeneralment għandhom funzjoni ornamentali u l-elementi ta' rinfurzar għandhom funzjoni ta' protezzjoni u ta' tisħiħ. Peress li l-elementi ta' rinfurzar huma mqabbdin ma' ta' fuq bl-għan li jagħtu saħħa addizzjonali, dawn jitwaħħlu mal-wiċċ ta' barra ta' fuq and mhux sempliċiment mal-kisi minn ġewwa. Madanakollu, parti mill-kisi tista' tkun tidher taħt ir-rinfurzar, basta l-funzjoni ta' rinfurzar tagħha ma tonqosx minħabba f'hekk. Minbarra li r-rinfurzar huwa magħqud ma' ta' fuq ir-rinfurzar jew aċċessjorju jista' ukoll jingħaqad mal-qiegħ jew jidħol fih. Materjal ma jitqiesx bħala aċċessorju jew element ta' rinfurzar , iżda bħala parti mill-parti ta' fuq basta l-metodu ta' assemblaġġ tal-materjali minn taħt mhuwiex permanenti (il-ħjata bejn id-drapp hija eżempju ta' metodu permanenti ta' assemblaġġ)."

*It-tielet kunsiderazzjoni tat-test hawn taħt id-dijagrammi ta' Ġenerali, punt 1 (c), hu sostitwit bit-test li ġej:*

"3. It-tneħħija tat-taqsima (3) tal-ġilda żvelat żona tat-tessut (immarkat A fuq id-dijagramma) u żona ta' materjal ta' kisja li qiegħed taħt taqsima 3. Peress li t-tessut ma jestendix it-tul kollu skont it-taqsima 3 , u, peress li l-kisja ma titqiesx li hija ta' fuq, u peress li prinċipalment hemm materjal ta' kisja taħt il-ġilda, il-parti tal-ġilda ma tirrafforzax xi materjal ta' fuq, u għalhekk, għandha tiġi kkunsidrata bħala parti minn ta' fuq."

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) ĠU C 133, 30.5.2008, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5761 – E.ON/MASDAR/JV)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 87/03)

Fl-24 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5761. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Avviżi)*

# AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Marzu 2010**

**li taħtar il-membri Pollakki u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

(2010/C 87/04)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri,

Billi:

(1) fid-Deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2010 [2], il-Kunsill ħatar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2010 sat-28 ta' Frar 2013, ħlief għal ċerti membri u membri supplenti, inklużi l-membri Pollakki u membri supplenti għat-trade union u l-kategoriji tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem;

(2) il-Gvern Pollakk ippropona l-kandidati għall-positijiet li għandhom jimtlew;

IDDEĊIEDA:

*Artikolu uniku*

Dawn li ġejjin huma maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jiskadi fit-**28 ta' Frar 2013:**

I. **Rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-ħaddiema**

| Membru | Membri Supplenti |
|---|---|
| IS-Sinjura Iwona PAWLACZYK | Is-Sur Mariusz ŁUSZCZYK<br>Is-Sur Andrzej SZCZEPANIAK |

II. **Rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem**

| Membru | Membri Supplenti |
|---|---|
| Is-Sur Zbigniew ŻUREK | Is-Sur Jacek MĘCINA<br>Is-Sur Marek KOŁODZIEJSKI |

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. Á. MORATINOS

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

[2] Għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU.

# KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**Il-31 ta' Marzu 2010**

(2010/C 87/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3479 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4741 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 125,93 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3687 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4447 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,4653 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,88980 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,9024 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,7135 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,8862 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,4276 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 525,11 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,8922 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,0135 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,2006 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,2638 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,440 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 227,26 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,3968 |
| HUF | Forint Ungeriż | 265,75 | PHP | Peso Filippin | 60,920 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 39,6950 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7085 | THB | Baht Tajlandiż | 43,598 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,8673 | BRL | Real Brażiljan | 2,4043 |
| RON | Leu Rumen | 4,0970 | MXN | Peso Messikan | 16,6573 |
| TRY | Lira Turka | 2,0512 | INR | Rupi Indjan | 60,5140 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# AVVIŻI MILL-ISTATI MEMBRI

## Deċiżjoni dwar miżura ta' riorganizzazzjoni fir-rigward tal-Commercial Value Insurance A.A.E.

*(Pubblikazzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/17/KE tal-Parlament Europew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' impriżi tal-assigurazzjoni)*

(2010/C 87/06)

| | |
|---|---|
| Impriża tal-assigurazzjoni | Commercial Value A.A.E.<br>Vasilissis Sofias 60 and Papadiamandopoulou<br>115 28 Athens<br>GREECE |
| Data, dħul fis-seħħ u t-tip ta' deċiżjoni | Deċiżjoni 174/2 tal-Bord tal-Kumitat Superviżorju tal-Assigurazzjoni Privata (EPEIA) tal-4 ta' Frar 2010 dwar is-sospensjoni immedjata tal-attivitajiet kollha tal-assigurazzjoni Commercial Value A.A.E., kemm fil-Greċja kif ukoll lil hinn minnha.<br>Dħul fis-seħħ: 4.2.2010 |
| Awtoritajiet kompetenti | Il-Kumitat Superviżorju tal-Assigurazzjoni Privata (EPEIA)<br>Ipatias 5<br>105 57 Athens<br>GREECE |
| Awtorità superviżorja | Il-Kumitat Superviżorju tal-Assigurazzjoni Privata (EPEIA)<br>Ipatias 5<br>105 57 Athens<br>GREECE |
| Amministratur maħtur | (isem, indirizz u dettalji tal-kuntatt; f'każ ta' persuna legali, il-persuna fiżika li tirrappreżentha) |
| Liġi applikabbli | Il-liġi Griega skont l-Artikolu 9 tad-Digriet Leġislattiv 400/1970 |

## Deċiżjoni dwar id-dispożizzjoni ta' riorganizzazzjoni fir-rigward ta' Progress Assicurazioni S.p.A.

*(Avviż ippubblikat skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' impriżi tal-assigurazzjoni)*

(2010/C 87/07)

| | |
|---|---|
| Kumpanija tal-assigurazzjoni | Progress Assicurazioni S.p.A.<br>Piazza Alberico Gentili 3<br>90143 Palermo PA<br>ITALIA |
| Data, dħul fis-seħħ u tip ta' deċiżjoni | Provvedimento ISVAP n. 2773 del 9 febbraio 2010 – Nomina del Commissario per la gestione provvisoria ai sensi dell'articolo 230 del D.Lgs. n. 209/2005. |
| Awtorità kompetenti | ISVAP<br>Via del Quirinale 21<br>00187 Roma RM<br>ITALIA |
| Awtorità superviżorja | ISVAP<br>Via del Quirinale 21<br>00187 Roma RM<br>ITALIA |
| Kummissarju maħtur | Prof. avv. Andrea GEMMA<br>Piazza Alberico Gentili 3<br>90143 Palermo PA<br>ITALIA |
| Liġi applikabbli | Italia<br>Art. 230 del D.Lgs. n. 209/2005 |

Permezz tad-Dispożizzjoni ISVAP Nru 2773 tad-9 ta' Frar 2010 u skont l-Artikolu 230 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 209 tas-7 ta' Settembru 2005, il-prof. avv. Andrea GEMMA nħatar Kummissarju għall-ġestjoni proviżorja ta' Progress Assicurazioni S.p.A. li għandha s-sede tagħha f'Palermo, Piazza Alberico Gentili 3, għal tul massimu ta' xahrejn mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Dispożizzjoni. Għaldaqstant qegħdin jiġu sospiżi l-funzjonijiet tal-korpi tal-amministrazzjoni u tal-kontroll tal-kumpanija.

**Aġġornament tal-lista tas-servizzi nazzjonali responsabbli għal kontrolli fuq il-fruntiera għall-finijiet tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 17; ĠU C 77, 5.4.2007, p. 11; ĠU C 153, 6.7.2007, p. 21; ĠU C 331, 31.12.2008, p. 15)**

(2010/C 87/08)

Il-pubblikazzjoni tal-Lista tas-servizzi nazzjonali responsabbli għall-kontrolli fuq il-fruntiera għall-finijiet tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Flimkien mal-pubblikazzjoni *f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, aġġornament ta' kull xahar huwa disponibbli fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà.

L-ESTONJA

*Emenda fl-informazzjoni ppubblikta fil-ĠU C 247, 13.10.2006*

Is-servizz nazzjonali responsabbli mill-kontroll fuq il-fruntiera: Politsei- ja Piirivalveamet (il-Puluzija u l-Bord tal-Gwardja tal-Fruntieri)

L-UNGERIJA

*Emenda fl-informazzjoni ppubblikta fil-ĠU C 247, 13.10.2006*

Is-servizz nazzjonali responsabbli għall-kontroll fuq il-fruntiera: Rendőrség (il-Pulizija Nazzjonali) u Vám-és Pénzügyőrség (il-Gwardja Doganali u tal-Finanzi). Dawn tal-aħħar huma preżenti fil-fruntieri esterni mal-Ukrajna, is-Serbja u l-Kroazja;

V

*(Opinjonijiet)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Għotjiet lir-Riċerkaturi fl-ambitu tal-programm ta' ħidma tal-Programm Ewropew konġunt ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP)

(2010/C 87/09)

Qed jingħata avviż tat-tnedija tas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Għotjiet lir-Riċerkaturi fl-ambitu tal-programm ta' ħidma tal-**Programm Ewropew konġunt ta' Riċerka dwar il-Metroloġija**

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għal din is-sejħa:

**Fażi 3 tas-Sejħa EMRP 2009 – Enerġija:**

— Għotjiet ta' Eċċellenza lir-Riċerkaturi (REG)
— Għotjiet ta' Mobilità lir-Riċerkaturi (RMG)

**Sejħa Miftuħa – l-ewwel data ta' limitu:**

— Għotjiet għall-Mobilità tar-Riċerkaturi fi Stadju Bikri tal-Karriera tagħhom (ESRMG)

Id-data tal-għeluq u l-ewwel data ta' limitu hija s-7 ta' Mejju 2010.

Tagħrif dwar is-sejħa u d-dokumentazzjoni dwarha huma ppubblikati fuq dan is-sit elettroniku:

http://www.emrponline.eu/energycall/adverts

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż ta' Tnedija ta' proċediment kontra s-sussidju li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti vireg tal-azzar li ma jsaddadx li joriġinaw fl-Indja

(2010/C 87/10)

Il-Kummissjoni rċeviet ilment skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), li jallega li l-importazzjonijiet ta' ċerti vireg tal-azzar li ma jsaddadx, li joriġinaw mill-Indja, qegħdin ikunu ssussidjati u b'hekk qegħdin jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni.

### 1. L-ilment

L-ilment tressaq fil-15 ta' Frar 2010 mill-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji tal-Ħadid u l-Azzar (Eurofer) ("il-kwerelant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ ta' aktar minn 25 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti vireg tal-azzar li ma jsaddadx.

### 2. Il-prodott li qed jiġi investigat

Il-prodott suġġett għal din l-investigazzjoni huwa vireg u staneg tal-azzar li ma jsaddadx, mhux maħdumin aktar ħlief iffurmati fil-kiesaħ jew lesti fil-kiesaħ, għajr vireg u staneg tondi b'dijametru ta' 80 mm jew aktar ("il-prodott li qed jiġi investigat").

### 3. L-allegazzjoni ta' sussidju

Il-prodott li allegatament qed jiġi sussidjat huwa l-prodott li qed jiġi investigat, li joriġina fl-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat"), li attwalment jaqa' fil-kodoċi NM 7222 20 21, 7222 20 29, 7222 20 31, 7222 20 39, 7222 20 81 u 7222 20 89. Dawn il-Kodiċi NM qegħdin jingħataw biss bħala informazzjoni.

Qed jiġi allegat li l-manifatturi tal-prodott li qed jiġi investigat u li joriġina mill-Indja gawdew minn għadd ta' sussidji mogħtija mill-Gvern tal-Indja u minn sussidji reġjonali. Is-sussidji jikkonsistu minn, *inter alia*, skemi li jagħtu benefiċċji lill-industriji allokati f'żoni ekonomiċi speċjali/unitajiet orjentati lejn l-esportazzjoni, l-iskema tal-ktejjeb li jintitola għad-dazju, l-iskema ta' awtorizzazzjoni bil-quddiem, l-iskema għall-promozzjoni ta' esportazzjoni ta' oġġetti kapitali, il-finanzjament tal-esportazzjoni qabel u wara t-trasport bil-baħar, garanziji ta' self mill-Gvern tal-Indja, l-eżenzjoni ta' kreditu ta' esportazzjoni mit-taxxi fuq l-interessi, skema ta' ċertifikat għar-riforniment bla dazju/skema ta' awtorizzazzjoni għal-importazzjoni bla dazju, skema ta' ħlas lura ta' dazju, inċentiv ta' taxxa fuq id-dħul għar-riċerka u l-iżvilupp, skemi mira u aktar (target plus) u sussidji reġjonali mill-Istat ta' Maharashtra (*inter alia* inċentiv ta' taxxa fuq il-bejgħ/taxxa fuq il-kummerċ, eżenzjoni mid-dazju fuq l-elettriku, ir-rimborż tal-iskema octroi, inċentiv speċjali fuq il-kapital) u mill-Istat ta' Gujarat (skemi ta' inċentivi industrijali).

Huwa allegat li dawn l-iskemi ta' hawn fuq huma sussidji billi dawn jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Indja jew Gvernijiet reġjonali oħra u jikkonferixxu benefiċċju lid-destinatarji, jiġifieri lill-produtturi esportaturi tal-prodott li qed jiġi investigat. Huwa allegat li dawn huma kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u/jew limitati għal xi kumpaniji u/jew prodotti u/jew reġjuni speċifiċi, u għalhekk huma speċifiċi u kumpensatorji.

### 4. L-allegazzjoni tal-ħsara

Il-kwerelant ipprovda evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu b'mod ġenerali f'termini ta' sehem mis-suq.

L-evidenza *prima facie* li pprovda l-kwerelant turi li l-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat li hu li qed jiġi investigat kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa, fuq il-livelli tal-prezzijiet mitluba u fuq is-sehem tas-suq miżmum mill-industrija tal-Unjoni, bir-riżultat ta' effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni ġenerali, fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

### 5. Proċedura

Billi ġie ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li l-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni jew f'isimha u li hemm biżżejjed evidenza biex tiġi ġġustifikata t-tnedija ta' proċediment, il-Kummissjoni b'dan qed tniedi investigazzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament bażiku.

[1] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

L-investigazzjoni se tiddetermina jekk il-prodott li qed jiġi investigat li joriġina fil-pajjiż ikkonċernat huwiex qed jiġi ssussidjat u jekk dan is-sussidju kkawżax ħsara lill-industrija tal-Unjoni. Jekk il-konklużjonijiet ikunu pożittivi, l-investigazzjoni għandha teżamina huwiex fl-interess tal-Unjoni li timponi l-miżuri.

5.1. ***Proċedura għad-determinazzjoni tal-għoti ta' sussidju***

Il-produtturi esportaturi ([2]) tal-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiż ikkonċernat huma mistiedna jipparteċipaw fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

5.1.1. *L-investigazzjoni tal-produtturi esportaturi*

(a) It-teħid ta' kampjuni

Fid-dawl tan-numru potenzjalment kbir ta' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat li huma involuti f'din il-proċedura u biex titlesta l-investigazzjoni fl-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-produtturi esportaturi li għandhom ikunu investigati għal numru raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "teħid ta' kampjuni"). It-teħid ta' kampjuni jsir skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ, u jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, qegħdin b'dan jintalbu jippreżentaw rwieħhom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet għandhom jagħmlu dan fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, billi jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tagħrif li ġej dwar il-kumpanija jew il-kumpaniji tagħhom:

— l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks u l-persuna ta' kuntatt,

— il-qligħ fil-valuta lokali u l-volum f'tunnellati tal-prodott li qed jiġi investigat mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzoni ("PI") bejn l-1 ta' April 2009 u l-31 ta' Marzu 2010 għal kull wieħed mis-27 Stat Membru ([3]) separatament u f'totali,

— il-qligħ fil-valuta lokali u l-volum f'tunnellati tal-prodott li qed jiġi investigat mibjugħ fis-suq lokali matul il-PI mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010 ,

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija madwar id-dinja fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha ([4]) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (għall-esportazzjoni u/jew domestiku) tal-prodott li qed jiġi investigat,

— kull ieħor rilevanti li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Il-produtturi esportaturi għandhom jindikaw ukoll jekk, f'każ li ma jintgħażlux biex ikunu parti mill-kampjun, jixtiqux jirċievu kwestjonarju sabiex jimlewh u b'hekk jasserixxu marġini individwali ta' sussidju skont it-Taqsima (b) hawn taħt.

Billi tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, il-kumpanija taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan jimplika li trid twieġeb kwestjonarju u li taċċetta żjara fuq il-post tagħha sabiex tiġi vverifikata r-risposta tagħha ("verifika fuq il-post"). Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, jitqies li din ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni għal produtturi esportaturi li ma jikkooperawx huma bbażati fuq fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għall-parti milli kieku tkun ikkooperat.

Sabiex tikseb it-tagħrif li jidhrilha li huwa meħtieġ għall-għażla tal-kampjun tal-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni se tikkuntattja wkoll lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur ikkonċernat u tista' tikkuntattja lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi esportaturi.

Il-partijiet kollha interessati li jixtiequ jressqu xi tagħrif rilevanti ieħor rigward l-għażla tal-kampjun, għajr it-tagħrif mitlub hawn fuq, iridu jagħmlu dan fi żmien 21 jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

([2]) Produttur esportatur huwa kull kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi u tesporta l-prodott taħt investigazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni kemm direttament kif ukoll permezz ta' parti terza, inkluż kwalunkwe kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ intern jew fl-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat. L-esportaturi li mhumiex produtturi normalment ma jkunux intitolati għal rata ta' dazju individwali.

([3]) Is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, u l-Ungerija.

([4]) Skont l-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali Komunitarju, il-persuni għandhom jitqiesu relatati biss jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju ta' xulxin; (b) ikunu legalment rikonoxxuti bħala soċji fin-negozju; (c) ikunu impjegat u l-persuna li timpjegah; (d) kull persuna li direttament jew indirettament tippossjedi, tikkontrolla jew ikollha 5 % jew aktar tal-ishma jew tal-kwoti ta' ishma li jivvutaw jew it-tnejn; (e) wieħed minnhom, direttament jew indirettament, jikkontrolla lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien ikunu direttament jew indirettament jikkontrollaw terza persuna; jew (h) ikunu membri tal-istess familja. Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom biss ir-relazzjonijiet li ġejjin: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk tal-istess żewġ ġenituri jew aħwa minn genitur wieħed), (iv) nanniet u neputijiet, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenituri jew ulied tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. (Il-Ġurnal Uffiċjali L 253, 11.10.1993, p. 1). F'dan il-kuntest "persuna" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi esportaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jistgħu jiġu investigati b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi esportaturi kollha magħrufa, l-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur u l-assoċjazzjonijiet ta' produtturi esportaturi jkunu mgħarrfa mill-Kummissjoni dwar il-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Il-produtturi esportaturi kollha magħżula biex ikunu fil-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 37 jum mid-data ta' notifika tal-għażla tal-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-kumpaniji li jkunu aċċettaw li possibbilment jiġu inklużi fil-kampjun iżda li ma jkunux intgħażlu biex ikunu fil-kampjun għandhom jitqiesu li kkooperaw ("produtturi esportaturi mhux fil-kampjun li kkooperaw"). Bla ħsara għat-Taqsima (b) hawn taħt, id-dazju kompensatorju li jista' jiġi applikat għall-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi mhux magħżula li kkooperaw ma għandux jaqbeż il-marġini medju b'piż differenzjat ta' sussidju stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun.

(b) Marġini individwali ta' sussidju għall-kumpaniji li mhumiex inklużi fil-kampjun

Il-produtturi esportaturi li ma jintgħażlux għall-kampjun jistgħu jitolbu, skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku, li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-marġini individwali ta' sussidju ("marġini individwali ta' sussidju"). Il-produtturi esportaturi li jixtiequ jitolbu marġini individwali ta' sussidju għandhom jitolbu kwestjonarju skont it-Taqsima (a) ta' hawn fuq u jibagħtuh lura mimli kif meħtieġ fl-iskadenzi stipulati hawn taħt. Il-kwestjonarju mwieġeb u komplut għandu jitressaq fi żmien 37 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Madankollu, il-produtturi esportaturi li jitolbu marġini individwali ta' sussidju għandhom ikunu jafu li l-Kummissjoni tista' xorta waħda tiddeċiedi li ma tiddeterminax il-marġini individwali ta' sussidju tagħhom jekk, pereżempju, in-numru ta' produtturi esportaturi jkun tant kbir li tali determinazzjoni tkun diffiċli bla meħtieġ u ma tippermettix li l-investigazzjoni titlesta fil-ħin.

(c) Il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur

Għandhom jintbagħtu kwestjonarji wkoll lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur ikkonċernat.

5.1.2. *L-investigazzjoni ta' importaturi mhux relatati* [5] [6]

Fid-dawl ta' numru potenzjalment kbir ta' importaturi li mhumiex relatati involuti f'dan il-proċediment u biex tlesti l-investigazzjoni fl-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tnaqqas għal numru raġonevoli n-numru ta' importaturi li mhumiex relatati li sejrin ikunu investigati billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "teħid ta' kampjuni"). It-teħid ta' kampjuni jsir skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ, u jekk iva, biex tagħżel kampjun, l-importaturi kollha li mhumiex relatati, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, b'dan qed jintalbu jippreżentaw rwieħhom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet għandhom jagħmlu dan fi żmien 15-il jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, billi jipprovdu t-tagħrif li ġej dwar il-kumpanija jew il-kumpaniji tagħhom lill-Kummissjoni:

— l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks u l-persuna ta' kuntatt,

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat,

— il-volum f'tunnellati u l-valur f'EUR tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u tal-bejgħ mill-ġdid li jsir fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2009 u l-31 ta' Marzu 2010 tal-prodott importat li qed jiġi investigat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha [7] involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat,

— kull tagħrif rilevanti ieħor li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Billi tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, il-kumpanija taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan jimplika li trid twieġeb kwestjonarju u li taċċetta żjara fuq il-post tagħha sabiex tiġi vverifikata r-risposta tagħha ("verifika fuq il-post"). Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, jitqies li din ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni għal importaturi li ma jikkooperawx huma bbażati fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għall-parti milli kieku tkun ikkooperat.

Biex tikseb it-tagħrif li jidhrilha li huwa meħtieġ għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja wkoll lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

Il-partijiet kollha interessati li jixtiequ jressqu xi tagħrif ieħor rigward l-għażla tal-kampjun, għajr it-tagħrif mitlub hawn fuq, iridu jagħmlu dan fi żmien 21 jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

[5] Importaturi li ma jkunux relatati mal-produtturi esportaturi biss jistgħu jintgħażlu għall-kampjun. L-importaturi li jkunu relatati mal-produtturi esportaturi għandhom jimlew l-Anness 1 mal-kwestjonarju għal dawn il-produtturi esportaturi. Għad-definizzjoni ta' parti relatata ara n-nota 4 ta' qiegħ il-paġna.

[6] Id-dejta pprovduta minn importaturi mhux relatati tista' wkoll tintuża fir-rigward ta' aspetti ta' din l-investigazzjoni għajr għad-determinazzjoni ta' sussidju.

[7] Għad-definizzjoni ta' parti relatata ara n-nota 4 ta' qiegħ il-paġna.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ fl-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. L-importaturi kollha mhux relatati li huma magħrufa u l-assoċjazzjonijiet tal-importaturi jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni dwar il-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Biex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat il-kwestjonarji lill-importaturi mhux relatati li qegħdin fil-kampjun u lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi. Dawn il-partijiet għandhom iressqu l-kwestjonarju komplut fi żmien 37 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor. Il-kwestjonarju komplut għandu jkun fih tagħrif dwar, inter alia, l-istruttura tal-kumpanija(i) tagħhom, l-attivitajiet tal-kumpanija(i) fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat u dwar il-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat.

5.2. ***Il-proċedura għad-determinazzjoni tal-ħsara***

Ħsara tfisser ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni, jew theddid ta' ħsara materjali lill-industrija, jew ritardjar materjali tat-twaqqif ta' din l-industrija. Id-determinazzjoni tal-ħsara hija msejsa fuq evidenza pożittiva u tinvolvi determinazzjoni oġġettiva tal-volum ta' importazzjonijiet sussidjati, l-effett tagħhom fuq il-prezzijiet fil-pajjiż li jimporta u l-impatt konsegwenti ta' dawk l-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni. Biex ikun stabbilit jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx ħsara materjali, il-produtturi tal-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat huma mistiedna jipparteċipaw fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

5.2.1. *L-investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni*

Fid-dawl tal-għadd potenzjalment kbir ta' produtturi tal-Unjoni involuti f'din il-proċedura u biex tlesti l-investigazzjoni fl-iskadenzi stabbiliti, il-Kummissjoni tista' tnaqqas għal numru raġonevoli l-għadd ta' produtturi tal-Unjoni li se jkunu investigati billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "teħid ta' kampjuni"). It-teħid ta' kampjuni jsir skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ, u jekk iva, tagħżel kampjun, il-produtturi tal-Unjoni kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, b'dan qed jintalbu jippreżentaw rwieħhom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet għandhom jagħmlu dan fi żmien 15-il jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, billi jipprovdu t-tagħrif li ġej dwar il-kumpanija jew il-kumpaniji tagħhom lill-Kummissjoni:

— l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks u l-persuna ta' kuntatt,

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija madwar id-dinja fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat,

— il-valur tal-bejgħ f'EUR tal-prodott li qed jiġi investigat u li sar fis-suq tal-UE matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2009 u l-31 ta' Marzu 2010 ,

— il-volum f'tunnellati tal-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat u li sar fis-suq tal-UE matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2009 u l-31 ta' Marzu 2010 ,

— il-volum ta' produzzjoni f'tunnellati tal-prodott li qed jiġi investigat matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2009 u l-31 ta' Marzu 2010 ,

— il-volum f'tunnellati importati fl-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat prodott fil-pajjiż ikkonċernat matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2009 u l-31 ta' Marzu 2010, jekk applikabbli,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha ([8]) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat (kemm jekk prodott fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiż ikkonċernat),

— kull tagħrif rilevanti ieħor li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Billi tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, il-kumpanija taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan jimplika li trid twieġeb kwestjonarju u li taċċetta żjara fuq il-post tagħha sabiex tiġi vverifikata r-risposta tagħha ("verifika fuq il-post"). Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, jitqies li din ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni għal produtturi tal-Unjoni li ma jikkooperawx huma msejsa fuq fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għall-parti milli kieku tkun ikkooperat.

Biex tikseb it-tagħrif li jidhrilha li huwa meħtieġ għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja lil kwalunwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi.

Il-partijiet kollha interessati li jixtiequ jressqu xi tagħrif rilevanti ieħor rigward l-għażla tal-kampjun, għajr it-tagħrif imniżżel hawn fuq, iridu jagħmlu dan fi żmien 21 jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ fl-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi tal-Unjoni kollha magħrufa u l-assoċjazzjonijiet ta' produtturi tal-Unjoni jkunu nnotifikati mill-Kummissjoni dwar il-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

([8]) Għad-definizzjoni ta' parti relatata ara n-nota 4 ta' qiegħ il-paġna.

Biex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni magħżula u lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi tal-Unjoni. Dawn il-partijiet għandhom iressqu kwestjonarju komplut fi żmien 37 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor. Il-kwestjonarju komplut għandu jkun fih tagħrif dwar, *inter alia*, l-istruttura tal-kumpanija(i) tagħhom, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija(i) tagħhom, l-attivitajiet tal-kumpanija(i) fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat, l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat.

### 5.3. *Il-proċedura għall-evalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni*

Jekk tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sussidju u ta' dannu kkawżat minħabba f'hekk, għandha tintlaħaq deċiżjoni dwar jekk l-adozzjoni ta' miżuri kompensatorji tmurx kontra l-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku. Il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti rappreżentattivi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumaturi huma mistiedna jippreżentaw rwieħhom fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumaturi għandhom juru, fil-limitu tal-iskadenza, li hemm konnessjoni oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott li qed jiġi investigat.

Il-partijiet li jippreżentaw rwieħhom fil-limitu ta' żmien stipulat hawn fuq jistgħu jipprovdu lill-Kummissjoni b'tagħrif dwar jekk l-impożizzjoni ta' miżuri hijiex fl-interess tal-Unjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Dan it-tagħrif jista' jingħata kemm f'format ħieles jew billi jimtela kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, it-tagħrif imressaq skont l-Artikolu 31 jiġi kkunsidrat biss jekk ikun appoġġjat minn evidenza fattwali fil-ħin li jitressaq.

### 5.4. *Sottomissjonijiet oħra bil-miktub*

Suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-avviż, il-partijiet interessati kollha b'dan huma mistiedna juru fehmiethom, iressqu t-tagħrif u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan it-tagħrif flimkien mal-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### 5.5. *Il-possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għas-smigħ għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni t-talba tista' titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, talba għas-smigħ għandha titressaq fil-limiti ta' żmien stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

### 5.6. *Il-proċedura għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza*

Is-sottomissjonijiet kollha, inkluż it-tagħrif imressaq għall-għażla tal-kampjuni, il-kwestjonarji mimlija u kwalunkwe aġġornament tagħhom, li jsiru mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub kemm fuq karta kif ukoll f'format elettroniku, u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numru tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Jekk parti interessata ma tkunx tista' tipprovdi s-sottomissjonijiet u t-talbiet tagħha f'format elettroniku għal raġunijiet tekniċi, din għandha tinforma lill-Kummissjoni minnufih.

Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan l-avviż, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għaliha jintalab trattament kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati "Ristretti" ([9]).

Il-partijiet interessati li jipprovdu tagħrif "Ristrett" huma mitluba jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali ta' dan skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament bażiku, li għandhom ikunu mmarkati "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati". Dawn is-sommarji għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tat-tagħrif imressaq b'mod kunfidenzjali. Jekk parti interessata li tipprovdi tagħrif kunfidenzjali ma tipprovdix taqsira mhux kunfidenzjali tiegħu fil-format u fil-kwalità mitluba, dan it-tagħrif kunfidenzjali jista' jiġi injorat.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N-105 04/092
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Faks +32 22956505

## 6. **Nuqqas ta' kooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fl-iskadenzi stipulati, jew b'mod sinifikanti tfixkel l-investigazzjoni, is-sejbiet provviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

([9]) Dan id-dokument huwa wieħed kunfidenzjali skont l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93) u l-Artikolu 12 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji. Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Fejn jinstab li kwalunkwe parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif għandu jiġi injorat u għandhom jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet għalhekk ikunu msejsa fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

## 7. **L-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ tad-DĠ Kummerċ. L-uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ jaġixxi ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ jirrevedi t-talbiet għal aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-iskadenzi u t-talbiet għas-smigħ minn terzi persuni. L-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ jista' jorganizza seduta ta' smigħ ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur biex jiżgura li d-drittijiet ta' difiża tal-partijiet interessati jiġu eżerċitati b'mod sħiħ.

Talba għal seduta mal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ għandhom isiru bil-miktub u għandhom jispeċifikaw għal liema raġunijiet qegħdin isiru. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni t-talba tista' titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, talba għas-smigħ għandha titressaq fil-limiti ta' żmien stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

L-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ jipprovdi wkoll opportunitajiet biex isir smigħ li jinvolvi lill-partijiet u li jippermetti li jiġu ppreżentati fehmiet differenti u li jitressqu argumenti kuntrarji dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw, fost oħrajn, is-sussidju, il-ħsara, ir-rabta kawżali u l-interess tal-Unjoni. Smigħ bħal dan, bħala regola, isir mhux aktar tard mill-aħħar tar-raba' ġimgħa wara l-iżvelar tas-sejbiet provviżorji.

Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni tal-internet tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ fuq il-websajt tad-DĠ Kummerċ: (http://ec.europa.eu/trade/issues/respectrules/ho/index_en.htm).

## 8. **L-iskeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni għandha tingħalaq, skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, fi żmien 13-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri provviżorji jistgħu jiġu imposti mhux aktar tard minn disa' xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## 9. **L-ipproċessar tad-dejta personali**

Kwalunkwe dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni tiġi pproċessata b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([10]).

([10]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

**RETTIFIKA**

**Corrigendum għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-lifts**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 52 tat-2 ta' Marzu 2010)*

(2010/C 87/11)

Fil-paġna 5:

*minflok:*


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "CEN | EN 81-1:1998+A3:2009<br>Regoli ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u stallazzjoni ta' lifts – Parti 1 Lifts elettriċi | Din hija l-ewwel pubblikazzjoni | EN 81-1:1998<br>Nota 2.1 | 30.6.2011 |
| CEN | EN 81-2:1998+A3:2009<br>Regoli ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u stallazzjoni ta' lifts – Parti 2 Lifts idrawliċi | Din hija l-ewwel pubblikazzjoni | EN 81-2:1998<br>Nota 2.1 | 30.6.2011 |
| CEN | EN 81-28:2003<br>Regoli ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u stallazzjoni ta' lifts – Lifts għat-trasport ta' persuni u merkanzija – Parti 28: Avviż ta' allarm mill-bogħod f'lifts għall-passiġġieri u merkanzija | 10.2.2004" | | |

*għandu jinqara:*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "CEN | EN 81-1:1998+A3:2009<br>Regoli ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u l-istallazzjoni ta' lifts – Parti 1 Lifts elettriċi | Din hija l-ewwel pubblikazzjoni | EN 81-1:1998<br>Nota 2.1<br>Nota 4 | 30.6.2011 |
| CEN | EN 81-2:1998+A3:2009<br>Regoli ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u l-istallazzjoni ta' lifts – Parti 2 Lifts idrawliċi | Din hija l-ewwel pubblikazzjoni | EN 81-2:1998<br>Nota 2.1<br>Nota 4 | 30.6.2011 |
| CEN | EN 81-28:2003<br>Regoli ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u l-istallazzjoni ta' lifts – Lifts għat-trasport ta' persuni u merkanzija – Parti 28: Avviż ta' allarm mill-bogħod f'lifts għall-passiġġieri u merkanzija | 10.2.2004 | Nota 4" | |

# EU Book shop

Il-pubblikazzjonijiet kollha
tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

V *Opinjonijiet*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Kummissjoni Ewropea**

2010/C 87/09 Sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Għotjiet lir-Riċerkaturi fl-ambitu tal-programm ta' ħidma tal-Programm Ewropew konġunt ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP) ..... 16

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Kummissjoni Ewropea**

2010/C 87/10 Avviż ta' Tnedija ta' proċediment kontra s-sussidju li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti vireg tal-azzar li ma jsaddadx li joriġinaw fl-Indja ..... 17

---

**Rettifika**

2010/C 87/11 Corrigendum għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-lifts *(ĠU C 52 2.3.2010)* 23

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT